Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 9 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1343/00

Paul Attard f'ismu propju ezercenti l-kummerc taht l-isem tad-ditta `Fiorella Showroom'

Vs

Jane Fenech

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u sebghin Liri Maltin (Lm270) rapprezentanti bilanc rimanenti minn somma ta' ammont akbar in konnessjoni ma' bejgh ta' oggetti debitament konsenjati lilha u dan skond skrittura ta' bejgh datata 26 ta' Jannar 1996.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-31 ta' Jannar 2000 u tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Marzu 2000, u bl-imghaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) dekorribbli mid-data tal-bejgh sal-pagament effettiv kontra l-konvenuta minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata ma dehritx biex tikkontesta t-talba attrici u lanqas ma dehret fis-seduta tal-lum biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma mitluba ta' mitejn u sebghin lira (Lm270).

Bl-imghaxijiet legali b'effett mis-26 ta' Jannar 1996.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg